

Paġna Ewlenija > ... > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > In-NĠE Fil-kwistjonijiet Ċivili U Kummerċjali Dwar In-Networks > Italy

Dwar in-Networks



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

In-netwerk ġudizzjarju Taljan huwa bbażat fil-Ministeru tal-Ġustizzja Taljan, fl-Uffiċċju għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fid-Dipartiment tal-Affarijiet Ġudizzjarji tad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja- SETTUR ĊIVILI (*Ministero della Giustizia - Dipartimento per gli Affari di Giustizia - Direzione Generale degli Affari internazionali e della Cooperazione Giudiziaria - Ufficio I Cooperazione Giudiziaria Internazionale - SETTORE CIVILE*).

Bħalissa hemm erba' punti ta' kuntatt, tnejn fil-Ministeru tal-Ġustizzja: maġistrat ta' kordinament u direttur amministrattiv; wieħed fil-Qorti ta' Ruma (*Tribunale di Roma*), wieħed fil-Qorti ta' Novara (*Tribunale di Novara*) u tnejn fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti tal-Kassazzjoni (*Procura generale presso la Corte di Cassazione*).

Il-punti ta' kuntatt huma f'kuntatt kostanti ma' membri oħra tan-Netwerk, li magħhom jikkollaboraw fl-ipproċessar ta' talbiet għal kooperazzjoni jew fit-tnejn ta' skedi informattivi prattiċi biex jiġu ppubblikati fuq il-Portal tal-Ġustizzja elettronika.

Il-membri l-oħra tan-netwerk Taljan huma:

- id-Dipartiment tal-Ġustizzja għall-Minorenni u tal-Komunità (*Dipartimento per la giustizia minorile e di comunità*)
- id-Direttorat Ġenerali għas-Sistemi ta' Informazzjoni Awtomatizzati (*Direzione generale per i sistemi informativi automatizzati*) (punt ta' kuntatt għall-Portal tal-Ġustizzja Elettronika)
- l-awtorità ċentrali għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji
- il-Kamra Nazzjonali tal-Avukati (*Consiglio Nazionale Forense*) u
- il-Kunsill tan-Nutara Taljan (*Consiglio Italiano del Notariato*).

Il-punti ta' kuntatt għan-NĠE għandhom ukoll rabtiet ma':

- il-Kulleġġ Ġudizzjarju (*Scuola Superiore della Magistratura*)
- il-fergħa Taljana tan-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC Net)
- l-istruttura tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) fl-Italja u
- il-portal Aldricus.

Bħala regola, il-membri Taljani tan-NĠE jiltaqgħu darba fis-sena.

Il-punti ta' kuntatt jipprovdu assistenza lill-qrati u lill-uffiċjali legali li jittrattaw kwistjonijiet transfruntiera.

Il-pubblikazzjonijiet kollha mibgħuta mill-Kummissjoni (fuljetti, sommarji ta' informazzjoni, eċċ.) jitqassmu lill-

qrati, lill-uffiċjali legali u lill-partijiet ikkonċernati.

Xi drabi, il-punti ta' kuntatt jirċievu delegazzjonijiet minn Stati Membri oħra li jżuru l-Italja bħala parti mit-taħriġ ġudizzjarju tagħhom.

Qed issir referenza għan-netwerk fuq is-sit web tal-Ministeru

tal-Ġustizzja: https://www.giustizia.it/giustizia/it/mg_2_1_2_1.wp?previousPage=mg_14_7

Lista ta' awtoritajiet li jittrattaw ir-regolamenti l-aktar rilevanti għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001;

- Id-Direttiva 8/2003 dwar l-għajnuna legali.

Fiż-żewġ każijiet, l-awtorità ċentrali fl-Italja hija:

Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Id-Dipartiment tal-Affarjiet Ġudizzjarji (*Dipartimento Affari di Giustizia*)

Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarjiet Internazzjonali u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja (*Direzione Generale degli Affari internazionali e della Cooperazione Giudiziaria*) - Uffiċċju I - settur ċivili (Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali (*Cooperazione Giudiziaria Internazionale*))

Via Arenula, 70

00186 Rome

Telefon: Tel. +39 06 68852633, +39 06 68852180

Email: cooperation.dginternazionale@giustizia.it

- Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika ta' dokumenti:

L-awtorità ċentrali fl-Italja hija:

Uffiċċju Uniku tal-Uffiċċjali Ġudizzjarji fil-Qorti tal-Appell ta' Ruma (*Ufficio Unico degli Ufficiali Giudiziari presso la Corte d'Appello di Roma*)

Viale Giulio Cesare, 52

00192 Ruma

Telefon: +39 06 328361

Fax: +39 06 328367933

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 ("Brussell IIa" jew "Brussels II bis")

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 (obbligi ta' manteniment)

L-awtorità ċentrali fl-Italja hija:

Il-Ministeru għall-Ġustizzja

Id-Dipartiment tal-Ġustizzja għall-Minorenni u tal-Komunità (*Dipartimento per la giustizia minorile e di comunità*)

Via Damiano Chiesa, 24

00136 Rome

Telefon: +39 06 68188 535/331/326

Fax: +39 06 68808085

Email: autoritacentrali.dgmc@giustizia.it

[leaflet ITALIA \(300.58 KB - PDF\)](#) 

■ L-aħħar aġġornament: 26/12/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.